



Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13202/16

CFSP/PESC 814
CSDP/PSDC 572

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ottubru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13201/16 CFSP/PESC 813 CSDP/PSDC 571	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ottubru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Globali tal-Unjoni Ewropea dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà adottati mill-Kunsill fit-3492 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ottubru 2016.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ISTRATEĠIJA GLOBALI GĦALL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ TAL-UNJONI EWROPEA

Kunsill Affarijiet Barranin, 17 ta' Ottubru 2016

1. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016 dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (EUGS), il-Kunsill jissottolinja li din l-istrateġija ser tiggwida l-azzjoni esterna tal-UE għas-snin li ġejjin. L-Istati Membri huma impenjati bis-sħiħ lejn l-implimentazzjoni effettiva u fil-ħin tagħha b'mod konġunt mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni. Il-Kunsill jenfasizza r-responsabbiltà u l-involviment tal-Istati Membri matul il-proċess kollu.
2. Il-EUGS tirrappreżenta l-viżjoni komuni tal-UE u l-qafas għal impenn estern b'għaqda u responsabbiltà fis-sħubija mal-oħrajn, biex tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha fis-sigurtà, id-demokrazija, il-prosperità u ordni globali bbażat fuq ir-regoli, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
3. Il-viżjoni politika stabbilita fl-EUGS ser tissarraf malajr f'inizjattivi u azzjoni ta' politika konkreti, li jikkonċentraw fuq il-ħames prijoritajiet għall-azzjoni esterna tal-UE identifikati fl-istrateġija: it-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża; l-investment fir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet lejn il-Lvant u n-Nofsinhar tagħna; l-iżvilupp ta' approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet; il-promozzjoni u l-appoġġ ta' ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni; u t-tisħiħ ta' governanza globali bbażata fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Helsinki.

4. Il-Kunsill japprova l-oqsma prijoritarji għall-implimentazzjoni tal-EUGS ippreżentata mir-RGħ/VP kif tinsab hawn isfel. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ u l-Kummissjoni biex jagħmlu progress fil-ħidma fuq din il-bażi, inkluż fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill, billi jibbażaw fuq l-istrumenti u l-politiki disponibbli kollha b'mod komprensiv.
5. Ir-RGħ u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, issa ser ikomplu jaħdmu fuq: il-bini ta' reżiljenza tal-istat, ekonomika u tas-soċjetà b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien tal-UE u fir-reġjuni aktar wiesgħa tal-madwar, inkluż permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u strumenti oħra tal-UE; approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet, biex b'hekk jingħata kontribut għat-titjib tar-reżiljenza tal-UE stess u dik taċ-ċittadini tagħha; isir l-aqwa użu mis-sinerġiji u tiġi żgurata l-koerenza bejn ir-risponsi għall-isfidi li jiffaċċaw il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Il-Kunsill jenfasizza f'dan ir-rigward il-bżonn urġenti li wieħed jikkonċentra fuq il-migrazzjoni kif ukoll fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-theddid ibridu u l-bżonn li jingħata appoġġ lill-Istati Membri f'dan ir-rigward. L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli ser ikunu dimensjoni trasversali ta' din il-ħidma kollha. Id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa ser ikomplu jiġu integrati fl-oqsma ta' politika kollha.

Il-Kunsill ser iqis reviżjoni u aġġornament possibbli ta' ċerti strateġiji eżistenti, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konġunti f'oqsma bħad-diplomazija dwar il-klima, id-diplomazija tal-enerġija, id-diplomazija ekonomika u d-diplomazija kulturali bħala għodda prezzjuża addizzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-EUGS. Huwa jisħaq fuq il-bżonn li jingħaqdu l-forzi fil-qasam tad-diplomazija pubblika inkluż il-komunikazzjoni strateġika, fl-UE u barra minnha, biex titkellem b'vuċi waħda u fl-aħħar mill-aħħar tippromwovi l-valuri ewlenin tagħha.

6. Għandu jsir progress ukoll fil-ħidma ta' segwitu fuq is-sigurtà u d-difiża, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bi żgurar tar-responsabbiltà sħiħa tagħhom. Pjan ta' implimentazzjoni ambizzjuż u realistiku ser jitħejja għal konsiderazzjoni u deċiżjoni fil-Kunsill Affarijiet Barranin (inkluż fil-kompożizzjoni ta' Difiża tiegħu) f'Novembru 2016 u fil-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2016. Il-Kunsill għandu jindika livell maqbul ta' ambizzjoni ċivili u militari u l-azzjoni konkreta, li tista' tinkludi prijoritajiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-approfondiment tal-kooperazzjoni li ser itejbu l-kredibbiltà tal-UE fis-sigurtà u d-difiża u jiżguraw PSDK ċivili u militari aktar reattiva. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża li ser jipproponi strumenti b'appoġġ għall-prijoritajiet li għandhom jiġu maqbula. Dan għandu jikkontribwixxi biex jiżgura li l-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea tkun kapaċi tilħaq il-ħtiġijiet ta' sigurtà attwali u futuri tal-Ewropa u, f'dak ir-rigward, tista' ttejjeb l-awtonomija strateġika tagħha, billi saħħaħ il-kapaċità tagħha li taġixxi ma' sħab. Il-Kunsill ifakkar li dawn l-isforzi għandhom ikunu inklużivi b'opportunitajiet ugwali għall-industrija tad-difiża fl-UE, ibbilanċjati u f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE. Għandu wkoll isir progress malajr u b'mod komplementari fil-ħidma fuq l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja mill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ għall-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet u abbażi tal-prinċipju tal-inklużività.
7. Il-Kunsill jilqa' tajjeb id-deċiżjoni tar-RGħ/VP li tressaq l-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-EUGS f'Ġunju 2017.
-